MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Talba Numru. 1267/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**Vs**

**Jerry's Co., Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm74.34c) dovuti bil-quddiem ghall-perjodu 6 t'Ottubru, 2003 sal-5 t'Ottubru, 2004 in konnessjoni mal-licenzja numru 011815 liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment go Marsascala.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta’ konvenuta kkontestat l-ammont mitlub f’din il-kawza stante illi s-socjeta’ attrici m’hijiex l-agenta tal-muzika li qed tindaqq mill-konvenut u ghalhekk m’hemm l-ebda htiega ta’ tigdid tal-licenzja.

Fit-tieni lok is-socjeta’ konvenuta qalet illi t-talba attrici ma gietx tradotta bil-lingwa Ingliza.

Is-socjeta’ konvenuta eccepiet ukoll li l-ftehim (Dok. A) kien afflitt minn vizzju fil-kunsens ta’ l-istess konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Il-PL Josette Attard iddikjarat li l-ammont huwa dovut ai termini tal-licenzja.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta ma gabitx provi.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta’ konvenuta ma gabitx provi biex tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha kif spjegati fir-Risposta.

Illi gie esebit il-kuntratt bejn il-partijiet (Dok. A) u m’hemm l-ebda provi dwar l-allegat nuqqas ta’ kunsens jew dwar l-allegazzjoni li s-socjeta’ attrici m’hijiex l-agent. Illi l-fatt li l-Avviz ma giex tradott bil-lingwa Ingliza ma jfissirx li t-talba ghandha tigi michuda. Is-socjeta’ konvenuta hi socjeta’ rregistrata f’Malta u f’kull kaz setghet talbet traduzzjoni. Minflok ghazlet li ma tidher xejn f’din il-kawza.

Ghalhekk it-Tribunal jichad ir-Risposta tas-socjeta’ konvenuta u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm74.34c) bl-ispejjez u bl-imghax.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------